Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 509 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Fabio Psaila**

Illum, 2 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Fabio Psaila, iben Alfred imwieled Pieta', fid-19 ta' Gunju, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 318874(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

i. Talli Fil-15 ta' Settembru 2008, f' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe' l-Ispettur tal-Pulizija Joseph Mercieca kontra il-volonta tieghu jew ta' l-post biex fih din il-persuna tigi arrestat, mizmuma jew issekwestrata;

ii. F' dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi attakajt, hebbejt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b' hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela, il-kuntistabbli 143 Stephen Grech u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, fil-waqt li kienu

qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

iii. F' dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, ingurjajt, jew heddidt, jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz publiku, u cioe' il-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela, il-kuntistabbli 143 Stephen Grech u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

iv. F' dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi kkagunajt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela, skond ma iccertifikat it-tabba Dr. Satja Brata Das tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

v. F' dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' l-uniformijiet tal-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela u l-kuntstabbli 143 Stephen Grech, liema hsara li tammonta ghal aktar minn Eur. 23.29 izda inqas minn Eur. 116.47, saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

vi. F' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi saq vettura b' velocita eccessiva u b' manjiera traskurata u perikoluza;

vii. F' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz publiku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex il-haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun.

viii. F' dawn il-gzejjer, fl-istess, data u cirkostanzi, kiser il-provediment ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar il-5 ta' Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma

tistax tinbidel, huwa kien gie moghti il-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn;

ix. U finalment gie akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 86, 95, 96, 221, 325(d), 338(ee), 17(d) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 23 tal Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi minhabba dak li ntqal fil-parti dispositiva ta' din is-sentenza l-Qorti kienet tal-fehma li tapplika l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 u kkundannat lill-imputat ghas-somma ta' elfejn ewro (€2000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta' Novembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **Tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla; u minflok tiddisponi mill-każ skond il-liġi; jew

F' każ li l-ewwel talba ma tintlaqax, **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tad-disa' mputazzjoni, tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l- Ewwel (1), ir-Raba' (4), il-Ħames (5), is-Sitt (6), is-Seba' (7), u t-Tmien (8) imputazzjonijiet, tirriformaha wkoll fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tippronunzja ruħa dwar it-Tieni (2) u t-Tielet (3) imputazzjonijiet, u minflok tgħaddi biex issib ħtija dwar dawn l-imputazzjonijiet, u tirriformaha wkoll fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi fil-25 ta' Ottubru 2016 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti:

1. Tat sentenza li hija legalment nulla; u

2. Fi kwalunkwe każ u strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravju tan-nullita' fuq espost, erogat piena li hija anqas mill-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom (preżumibbilment) instab ħati l-appellat;

Illi l-aggravji huwa ċari u manifesti:

**1. <u>Sentenza nulla</u>**

Illi kif diġa' ġie rilevat fil-parti inizzjali ta' dan l-umli appell, l-appellat Fabio Psaila ġie akkużat b' disgħa (9) mputazzjonijiet, riassunti kif ġej:

1. Li arresta, żamm, jew issekwestra lill-Ispettur tal-Pulizija Joseph Mercieca kontra l-volonta' tiegħu;

2. Li attakka, ħebb, jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b' ħebb kontra l-Kuntistabbli tal-Pulizija 143 Stephen Grech u diversi membri oħra tal-Korp tal-Pulizija – persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku;

3. Li inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela, il-Kuntistabbli tal-Pulizija 143 Stephen Grech u diversi membri oħra tal-Korp tal-Pulizija – persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt il-qadi ta' dmirijiethom bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Li kkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela;

5. Li volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq l-uniformijiet tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela u tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 143

Stephen Grech, liema ħsara tammonta għal aktar minn €23.29 iżda anqas minn €116.47;

6. Li saq vettura b' veloċita' eċċessiva u b' manjiera traskurata u perikoluża;

7. Li ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew fixkilhom fi dmirijiethom;

8. Li kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta; u

9. Li huwa reċidiv.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fid-*decide* tagħha tas-sentenza appellata, ma tispeċifikax b' mod ċar liema huma l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat kien qiegħed jiġi misjub ħati, u liema le, iżda wieħed irid janalizza s-sentenza *ad funditus* biex jipprova jiddeċifra ta' liema mputazzjonijiet l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet b' mod inkoerenti u spezzettat għall-aħħar qegħdha ssibu ħati, u ta' liema le!

Illi l-brani rilevanti huma s-segwenti:

- *"Dwar l-akkużi li ma jinvolvux direttament lil ispettur u li allura jinvolvu l-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela u l-143 Stephen Grech il-Qorti fuq ix-xhieda tagħhom, tara li l-imputat għandu jinstab ħati, kif fil-fatt qegħdha ssibu ħati, li ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-kuntistabbli 1315 u wkoll li għamel ħsara fuq qmis u qalziet tal-kuntistabbli 1315 liema ħsara tammonta għal €28.24"*

Kwindi hawn l-appellat kien qiegħed jiġi misjub **<u>ħati</u>** tar-**Raba' (4)** u tal-**Ħames (5)** akkużi.

- *"Dwar l-ewwel u s-seba offiza: Fir-rigward tal-aħħar li hija kontravenzjonali... dina bħala fatt tirriżulta..... . Fuq l-ewwel tixlih li arresta, żamm jew issekwestra lill-ispettur Mercieca kontra l-volonta' tiegħu, l-Qorti tafferma li għab-bażi tal-artikolu in disamina, iġifieri l-Artikolu 86 tal-Kap. 9... Mill-fattispecie tal-każ il-Qorti qegħdha tirrijavviża r-reat taħt dan l-artikolu".*

Kwindi hawn l-appellat jidher li kien qiegħed jiġi misjub **<u>ħati</u>** ta' l-**Ewwel (1)** u tas-**Seba' (7)** akkużi.

- *"tirriżulta l-akkuża fir-rigward is-sewqan li fil-fehma tal-Qorti huwa rijavvisabbli f' wieħed bla kont u traskurat li irrasenta biss il-perikoluż u t-traskuraġni kbira".*

Kwindi hawn l-appellat kien qiegħed jiġi misjub **<u>ħati</u>** tas-**Sitt (6)** akkuża.

- *"Jirrisulta l-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 fuq l-iskorta tas-sentenza esebita".*

Kwindi hawn l-appellat kien qiegħed jiġi misjub **<u>ħati</u>** tat-**Tmien (8)** akkuża.

- *"Għal dak li jirrigwarda r-reċidiva ebda sentenza in sostenn ma ġietx esebita".*

Kwindi hawn l-appellat donnu kien qiegħed jiġi misjub **<u>mhux ħati</u>** tat-**Disa' (9)** ' akkuża' , jew aħjar, l-addebitu tar-reċidiva.

Fid-*decide* tagħha mbagħad, l-Ewwel Onorabbli Qorti, tgħid, testwalment, kif ġej:

> *"Rat l-Artikolu 86, 95, 96, 221, 325(d), 228(ee), 17(d) tal-Kap. 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, u l-Artikolu 23 tal-Kap 446. Billi minħabba dak li ntqal fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza l-Qorti hi tal-fehema li tista' tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 9. Tikkundanna lill-imputat għas-somma komplessiva ta' €2000"*

Illi bid-dovut rispett, "somma" m' hijiex piena fil-korp leġislattiv penali nostran. Il-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġi l-**multa** u l-**ammenda** bħala pieni pekunjarji, u mhux is-***somma***.

Illi *di piu'* , minn qari tas-suespost, jidher li l-appellat Fabio Psaila nstab **<u>ħati</u>** ta' l-**Ewwel (1)**, ir-**Raba' (4)**, il-**Ħames (5)**, is-**Sitt (6)**, is-**Seba' (7)**, u t-**Tmien (8)** imputazzjoni, filwaqt li nstab **<u>mhux ħati</u>** tad-**Disa' (9)** mputazzjoni, u ċioe' ta' l-

addebitu tar-reċidiva. Pero' x' ġara mit-**<u>Tieni (2)</u>** u mit-**<u>Tielet (3)</u>** imputazzjonijiet?! Dawn evidentement ġew injorati għall-kollox mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi *di piu'* , dwar il-ħtija relatata mal-ħames (5) imputazzjoni, l-Qorti ndikat l-Artikolu 325(d) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu kif imsemmi ma jeżistix. Minflok kellu jiġi ndikat l-Artikolu 325(1)(d).

Għaldaqstant huwa ċar u manifest li s-sentenza appellata hija nulla stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ndikatx b' mod ċar l-akkużi li tagħhom kienet qegħdha ssib lill-appellat Fabio Psaila ħati, kif ukoll hija nulla *stante* li ndikat artikolu tal-liġi żbaljat, kif ukoll hija wkoll nulla *ab omissa decisione* dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

**2. <u>Piena anqas mill-minimu preskritt bil-liġi</u>**

Illi **<u>strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, u cioe' għall-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata</u>**, l-esponent jirrileva li l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti m' hijiex dik kontemplata fil-liġi, anzi hija anqas mill-minimu preskritt mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat Psaila.

Illi kif intqal aktar ' l fuq f' dan l-umli rikors, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet kif ġej:

> *"Rat l-Artikolu 86, 95, 96, 221, 325(d), 228(ee), 17(d) tal-Kap. 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, u l-Artikolu 23 tal-Kap 446. Billi minħabba dak li ntqal fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza l-Qorti hi tal-fehema li tista' tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 9. Tikkundanna lill-imputat għas-somma komplessiva ta' €2000"*

Illi *stante* n-nuqqas ta' kjarezza dwar liema mputazzjonijiet instab ħati tagħhom l-appellat u dwar liema le (u cioe' l-mertu ta' l-aggravju preċedenti ta' l-esponent), l-esponent, għall-fini ta' dan l-aggravju ser jassumi li l-appellat Fabio Psaila nstab ħati biss ta' l- **Ewwel (1)**, ir-**Raba' (4)**, il-**Ħames (5)**, is-**Sitt (6)**, is-**Seba' (7)**, u t-**Tmien (8)** imputazzjonijiet, u cioe' :

1. Li arresta, żamm, jew issekwestra lill-Ispettur tal-Pulizija Joseph Mercieca kontra l-volonta' tiegħu – **L-Ewwel** imputazzjoni.

2. Li kkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela – **Ir-Raba'** mputazzjoni;

3. Li volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq l-uniformijiet tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela u tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 143 Stephen Grech, liema ħsara tammonta għal aktar minn €23.29 iżda anqas minn €116.47 – **Il-Ħames** imputazzjoni;

4. Li saq vettura b' veloċita' eċċessiva u b' manjiera traskurata u perikoluża – **Is-Sitt** imputazzjoni;

5. Li ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew fixkilhom fi dmirijiethom – **Is-Seba'** mputazzjoni;

6. Li kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta – **It-Tmien** imputazzjoni.

Illi dwar **<u>l-Ewwel (1) imputazzjoni</u>** li tagħha jidher li nstab ħati l-appellat, u cioe' s-sekwestru tal-persuna, mingħajr aggravju r-reat hemm indikat iġorr miegħu **<u>piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn</u>**, jew minn xahar sa tliet xhur f' każijiet ħfief. Is-sekwestru **<u>ta' Spettur tal-Pulizija</u>** li sar bil-mod kif sar, indubbjament li m' huwiex ' każ ħafif' , u kwindi l-piena applikabbli hija dik ta' **<u>priġunerija minn seba' xhur sa sentejn</u>**.(Art. 86 tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi dwar **<u>ir-Raba' (4) mputazzjoni</u>** li tagħha jidher li nstab ħati l-appellat, u cioe' l-offiża ħafifa fuq il- Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 221 u 222(ċ) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe'

piena ta' **priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur** (il-multa hija eskluża, *stante* l-aggravju).

Illi dwar **il-Ħames (5) imputazzjoni** li tagħha jidher li nstab ħati l-appellat, u cioe' li volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq l-uniformijiet tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 1315 Jeffrey Abela u tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 143 Stephen Grech, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 325(1)(d) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' piena ta' **priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet.**

Illi dwar **is-Sitt (6) imputazzjoni** li tagħha nstab ħati l-appellat, u cioe' li saq vettura b' veloċita' eċċessiva u b' manjiera traskurata u perikoluża, fejn addirittura l-appellat instab ħati li saq bi traskuraġni **kbira**, kif indikat b' mod ċar fis-sentenza appellata, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' **multa ta' mhux iżjed minn €232.94 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u SKWALIFIKA TAL-LIĊENŻJA TAS-SEWQAN għall-perjodu ndikat fl-istess artikolu.**

Illi dwar **is-Seba' (7) imputazzjoni** li tagħha nstab ħati l-appellat, u cioe' li ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew fixkilhom fi dmirijiethom, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' l-pieni għall-kontravvenzjonijiet.

Illi mbagħad hemm ukoll il-ksur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa ċar u manifest, li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-'piena' ta' **€2000** għar-reati kollha li tagħhom instab ħati l-appellat hija manifestament jekk mhux ukoll skandalożament taħt il-minimu preskritt mill-liġi.

Illi jiġi rilevat illi fil-każ *de quo* ma kienu jissussitu ebda raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu ai termini

ta' l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti, korrettement, ma applikatx dan l-artikolu, iżda applikat biss l-Artikolu 23, u ċioe' l-konfiska tal-*corpus delicti*, u cioe' l-Peugeot bin-numru CBF-453.

Illi għall-kuntrarju dawn huma reati serjissimi kontra uffiċjali tal-Pulizija, fejn mhux talli l-piena li tingħata għandha tkun taħt il-minimu preskritt mill-liġi, talli għandha tqarreb ferm lejn il-massimu, u, ċertament, għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva tenut kont il-fattisecie kollha tal-kaz.

Finalment, aggravju ieħor jirrigwarda t-Tieni (2) u t-Tielet (3) imputazzjonijiet, li għalkemm jirriżultaw ampjament ippruvati mill-atti proċesswali, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tippronunzja ruħa dwarhom. Din l-Onorabbli Qorti, wara li teżamina l-atti proċesswali, għandha ssib ħtija fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Rat id-digriet taghha tas-6 ta Marzu 2019 fejn din il-Qorti irrilevat li fl-atti hemm nota iffirmata minn Dr Jose Herrera hu l gudikant sedenti u ghalhekk talbet lill-partijiet jiddikjaraw jekk kellhomx oggezzjoni li l-kawza titkompla tinstema quddiem din il-Qorti.
Rat li l-partijiet ma kellhomx oggezzjoni kif registrat minnhom u ghalhekk il-Qorti kompliet bis-smiegh tal-kawza u cioe biex taghti sentenza fuq il-provi kompilati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti wara l-kunsiderazzjonijiet taghha, fid-*decide* qalet hekk:

*'Rat l-Artikolu 86, 95, 96, 221, 325(d), 338(ee), 17(d) tal-Kap 9, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap*

*65, u l-Artikolu 23 tal-Kap 446. Billi minhabba dak li ntqal fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza l-Qorti hi tal-fehma li tista' tapplika l-Artikolu 23 ta-Kap 9. Tikkundanna lill-imputat ghas-somma komplessiva ta' €2000.'*

Illi l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant Avukat Generali jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata u dan stante li l-appellat Fabio Psaila gie akkuzat b'disa' (9) imputazzjonijiet izda l-Ewwel Qorti fid-decide taghha tas-sentenza ma tispecifikax b'mod car liema huma l-imputazzjonijiet li taghhom l-appellat kien qieghed jigi misjub hati u liema le. Skont l-appellant Avukat Generali wiehed irid janalizza s-sentenza *ad funditus* biex jipprova jiddecifra ta' liema imputazzjonijiet l-Ewwel Qorti kienet b'mod inkoerenti u spezzettat ghall-ahhar qieghda ssibu hati u ta' liema le.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkunsidrat li:

*'Dwar l-akkuzi li ma jinvolvux direttament lil ispettur u li allura jinvolvu l-kuntistabbli 1315 Jeffrey Abela u l-143 Stephen Grech il-Qorti fuq ix-xhieda taghhom, tara li l-imputat ghandu jinstab hati, kif fil-fatt qeghdha ssibu hati, li ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-kuntistabbli 1315 u wkoll li ghamel hsara fuq qmis u qalziet tal-kuntestabbli 1315 liema hsara tammonta ghal €28.24. Qeghdha pero' tesprimi r-riservi taggha dwar il-bzonn tal-konvolgiment ta' dawn iz-zewg kuntestabbli gja la darba l-imputat kien temm il-korsa tieghu fejn id-dar ta' ommu. Minhabba f'hekk hi tal-fehma li f'kull kaz ikun hemm temperament fil-piena.*

*Dwar l-ewwel u s-seba offiza; Fir-rigward tal-ahhar li hija kontravenzjonali u tixli lill-imputat li naqas li jobdi ordnijiet tal-ispettur Mercieca dina bhala tirrizulta stante li l-ordni biex l-imputat, li kien hawnhekk avzat li kien taht arrest, isuq lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma gietx obduta u minflok saq fejn toqghod ommu. Il-Qorti tghid f'dan il-kuntest li l-ordni kienet wahda legittima u ftit jimporta jekk l-imputat ghamel dak li ghamel biex ihalli l-vettura tieghu hdejn fejn toqghod ommu. Fuq l-ewwel tixlih li arresta, zamm jew issekwestra lill ispettur Mercieca kontra l-volonta' tieghu l-Qorti tafferma li ghab-bazi tal-artikolu in disamina, igifieri, l-Artikolu 86 tal-Kap 9, l-espressjonijiet 'arresta', 'zamm' jew 'issekwestra', fih kontenuti, mhumiex sinonimi ghal xulxin u ghalhekk hemm rejita' taht dan l-artikolu f' kull wahda minnhom separatament. Mill-fattispecje tal-kaz il-Qorti qeghdha tirrijavvisa r-reat taht dan l-artikolu stante li l-ispettur 'inzamm' hekk kif l-imputat saq ghal fejn ommu l-Hamrun bil-mod li saq. Mill- banda l-ohra hu osservat li l-arrest ma kienx*

*wiehed linejari fis-sens li, per ezempju, kontra dak li jipprovdi l-Kap 9, l-imputat ma ttiehidtx fl-eqreb ghassa tal-Pulizija u oltre l-arrest gie esegwit minghajr mandat li seta' kien jkun indispensabbli ghall-arrest legittimu .*

*Mill-bqija tirrizulta l-akkuza fir-rigward is-sewqan li fil-fehma tal-Qorti huwa rijavvisabbli f'wiehed bla kont u traskurat li irrasenta biss il-perikoluz u t-trakuragni kbira.*

*Jirrisulta l-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 fuq l-iskorta tas-sentenza esebita in atti tal-5 ta' Lulju 2007 ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghal dak li jirrigwarda r-recidiva ebda sentenza in sostenn ma gietx esebita.'*

Illi l-appellant Avukat Generali jissottometti li mill-kunsiderazzjonijiet, l-appellant jidher li nstab hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet filwaqt li ma nstabx hati tad-disa' (9) imputazzjoni u cioe' dik tar-recidiva. Pero' jistaqsi x'gara mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet li skont l-appellant gew injorati mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali fis-sens li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta li l-Ewwel Qorti fid-*decide* naqset milli ssemmi liema imputazzjoni kienet qieghda ssib htija u minn liema kienet qieghda tillibera, izda ghaddiet biex isemmi id-disposizzjonijiet tal-ligi u kkundannat lill-imputat ghas-somma komplessiva ta' elfejn ewro (€2000). Ghalkemm il-ligi tipprefigi l-multa u ammenda bhala pieni pekunarji, l-Ewwel Qorti ma semmietx li kienet qieghda tikkundanna lill-appellat ghal hlas ta' multa jew ammenda izda ta' somma. In oltre, meta l-Qorti fliet il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti biex tiddetermina ta' liema imputazzjonijiet il-Qorti kienet qieghda ssib htija, din il-Qorti filwaqt li fehmet li setgha jaghti l-kaz li l-Ewwel Qorti kienet qieghda ssib htija tal-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) imputazzjoni u t-tmien imputazzjoni (8) filwaqt li ma kinitx qieghda ssib htija tad-disa' (9) imputazzjoni, jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tqis jekk dan in-nuqqas iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'.*

Illi kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Trevor Micallef) Vs Omissis Benjamino Camilleri'**[1]:

*'Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-Sentenza appellata, ssib illi verament l-Ewwel Qorti ddikjerat illi qieghda ssib lill-appellant hati mighajr ma tispecifika ghall- liema mputazzjonijiet qieghda tiddikjara dan, pero' mbaghad meta giet biex tinfliggi l-multa, ddikjarat illi dana qed taghmlu ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet. Fil-fatt irrizulta tliet imputazzjonijiet u ergo, fejn f'nifs il- Qorti qieghda tiddikjara lill-appellant hati prezubilment ghat-tliet imputazzjonijiet qieghda tikkundannah biss ghal tnejn. L-artiklu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-Sentenza, "Ghandha tghid il-fatt illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artikli ta' dan il-Kodici jew ta' kull* Ligi *ohra li jkun ikkontempla dan ir-reat." Ovjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti illi taghhom l-appellant ikun gie misjub hati dana jfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjrazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa nutli illi ssemmi l-fatti, jsegwi f'kaz ta' mputazzjoni multipla illi l-Qorti jew taghti piena wahda komplessivament jew inkella ssemmi wahda wahda l- imputazzjonijiet u taghti l-piena skont il-kaz. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni konfuzjonarja fejn f'nifs il-Qorti qed tiddikjara lill-appellant hati u fl-iehor qieghda tikkundannah ghal zewg imputazzjonijiet minghajr ma tiddikjara x'qieghda taghmel bit-tielet imputazzjoni. Bir-ragun, l- appellant ma jistax jitqieghed fis-sitwazzjoni ta' ncertezza minghar ma jkun jaf ta' xiex qed jinstab hati u ta' xiex qed jigi kkundannat l-emmenda. F'pozizzjoni bhal din twassa ghan-nuqqas ta' formalita sostanzjali u l-ewwel Sentenza hija suggetta ghal censura ghan-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' xiex l-akkuzat qed jinstab hati (ara Il-Pulizija vs Joseph Agius appell kriminali 15 ta'Marzu, 2012). Ghalhekk peress illi s-Sentenza appellata hija karenti minn dan l- element l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita konferma.'*

Kif gie kkunsidrat is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield'**[2]:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 (Appell numru. 109/2011)

'*Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[3] gie kkunsidrat li:

'*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi*'

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru. 327/2005)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Brown'**[4] gie kkunsidrat li:

*'F'dan il-kaz mhuwiex car ghal x'hix l-emmenda ta' mitt lira qeghda tigi addebitata, jekk huwiex ghat-tieni akkuza li tellef il-gieh ta' Davinia Galea u weggagha bi kliem b'gesti jew b'xi mod iehor jew inkella ghat-tielet akkuza li remgha z-zibel f'post pubbliku.*

*L-Ewwel Qorti ma ppronuncjatx ruhha dwar din it-Tielet akkuza, ghad li rreferiet ghall-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 meta giet biex erogat il-piena.*

*Ma hemmx dubju illi dan l-izball jwassal ghan-nullita` tas- sentenza.*

*Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Agius deciza 3 ta' Frar 1995 "in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

*Dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza w kwindi ghandha terga` tinstema mill-gdid.*

*Ghalhekk din il-Qorti mhihix sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Generali w cioe` illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Ligi, sabiex dana jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qeghda tittratta l-kawza mill-gdid.'*

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta kjarament li d-dispost tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat mill-Ewwel Qorti. Minkejja li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' incert tant li ma gewx ikkunsidrati l-imputazzjonijiet kollha u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

L-Avukat Generali fl-appell tieghu ssottometta ukoll li dwar il-htija relatata mal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti indikat l-Artikolu 325(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu kif imsemmi ma jezistix. Jirrizulta li l-artikolu li kellu jigi ndikat kellu jkun l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin**

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 2012 (Appell Kriminali Numru. 307/2010

**Borg) vs Edward Chatlani'**[5], il-Qorti kkunsidrat li:

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li taħthom sabet ħtija, għamlet riferenza għall-artikolu 288 (B), li ma jeżistix fil-Kodici Kriminali, minnflok għall-artikolu 298B li kien ġie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[6] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

Fl-istess sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[7] gie kkunsidrat ukoll:

'*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[8] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ghaldaqstant, jirrizulta kjarament li ghar-ragunijiet ikkunsidrati minn din il-Qorti, l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali ghandu jintlaqa' u dan gialadarba s-sentenza mhux biss issemmi artikolu tal-ligi inezistenti, talli thalli dubji serji dwar liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija u ta' liema kienet qieghda tillibera. Liema nuqqasijiet imorru kontra dak li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta taht piena ta' nullita jitlob li jkun fiha sentenza. In vista ta' dan, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravji l-ohra imressqa mill-appellant Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[8] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995

tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur